



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgo, I-4 ta' Ottubru 2017

### L-Awdituri tal-UE se jeżaminaw il-miżuri ta' trattament xieraq tal-animali

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri se teżamina jekk il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri kkontribwewx b'mod effettiv għall-objettivi tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-animali. Din hija l-ewwel darba li l-awdituri ffukaw kompletament fuq it-trattament xieraq tal-animali. Huma se jivalutaw l-azzjoni li ttieħdet biex tinkiseb konformità mal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-animali u biex tittejjeb il-koordinazzjoni bejn l-attivitajiet relatati mat-trattament xieraq tal-animali u l-Politika Agrikola Komuni.

L-ambitu tal-awditi se jkopri biss l-animali fl-azjendi agrikoli, li għalihom tapplika l-biċċa l-kbira mil-leġiżlazzjoni tal-UE. Huwa stmat li hemm 4.5 biljun tigiegħa, tigiegħa tal-bajd, u dundjan fl-UE, u madwar 330 miljun baqra, ħanżir, mogħża u nagħġa. Minbarra l-ħajja tal-animali fl-azjenda agrikola, l-awditi se jqis ukoll it-trasport u t-tbiċċir.

Għall-perjodu 2014-2020, il-fondi tal-UE għall-iżvilupp rurali allokati għall-“pagamenti għat-trattament xieraq tal-animali” jirrappreżentaw madwar EUR 1.5 biljun. Il-miżuri għandhom l-intenzjoni li jħeġġu livelli msaħħha ta’ trattament xieraq li jagħmlu aktar mir-rekwiżiti minimi kemm tal-UE kif ukoll dawk nazzjonali.

*“Iċ-ċittadini tal-UE qed jitħassbu dejjem aktar dwar it-trattament xieraq tal-animali u, f’dan il-qasam, l-UE għandha xi wħud mill-ogħla standards regolatorji fid-dinja. L-awditi tagħna sejkun opportunità biex niċċekkjaw jekk dawk l-standards humiex qed jinżammu fil-prattika”, qal Janusz Wojciechowski, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditi.*

L-awdituri se jżuru ħames Stati Membri: ir-Rumanija, il-Polonja, Franzja, l-Italja u l-Ġermanja. Huwa mistenni li r-rapport tal-awditjar jiġi ppubblikat lejn tmiem l-2018.

#### Noti lill-Edituri

Dan l-awditi li tħabbar illum, I-4 ta' Ottubru, jaħbat mal-Jum Dinji tal-Annimali li għandu l-għan li jgħolli l-istatus tal-animali sabiex jittejbu l-standards tat-trattament xieraq madwar id-dinja.

L-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-animali huwa responsabbiltà kendiwiża bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri. Fi Frar 2012, il-Kummissjoni adottat l-istratgeġja tagħha għall-perjodu 2012-2015 li għandha l-għan li tiżgura li l-standards eżistenti tat-trattament xieraq tal-animali jiġu applikati u infurzati konsistentement madwar l-UE kollha, li t-trattament xieraq tal-animali jiġi inkluż f'azzjonijiet internazzjonali, li l-konsumaturi jkunu infurmati sew u li l-koordinazzjoni mal-Politika Agrikola Komuni tiġi sfruttata bis-sħiħ.

## ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

@EUAuditors

[eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)